MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2020

Appell Inferjuri Numru: 165/2018/1 LM

**Brian Galea, detentur tal-Karta tal-Identità numru 640382(M) flimkien ma' martu Anna Vladimirovna Galea, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 322917(L)**
***(L-appellanti)***

***vs.***

**Adam Cilia, detentur tal-Karta tal-Identità numru 351914(L) u għal kull interess li għandhom Clint Said, detentur tal-karta tal-identità numru 438886 u Joseph Camilleri, detentur tal-karta tal-identità numru 325479M**
***(L-appellati)***

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan hu appell magħmul mir-rikorrenti konjuġi **Brian Galea** u **Anna Vladimirovna Galea** [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti" jew "l-appellanti"]

minn provvediment mogħti fit-8 ta' Mejju, 2019, [minn issa 'l quddiem 'il-provvediment'], mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tiegħu ddeċieda billi laqa' t-talba tal-intimat Adam Cilia [minn issa 'l quddiem 'l-intimat appellat Cilia'] sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu wara li dan iġġustifika l-kontumaċja tiegħu, u kkonċedielu terminu ta' għoxrin jum mid-data ta' dak il-provvediment sabiex jippreżenta tali risposta.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw il-kirja tal-fond kummerċjali bin-numru wieħed (1) formanti parti minn blokka ta' appartamenti bl-isem 'Queen's Court' li għandu n-numru sitta u għoxrin (26) ġewwa Victoria Junction u liema fond għandu wkoll daħla għalih bin-numru sebgħa u għoxrin fi Triq Dingli f'Tas-Sliema [minn issa 'l quddiem 'il-fond'] li saret bejn ir-rikorrenti u l-intimat Cilia permezz ta' skrittura privata[1] fl-1 ta' Diċembru, 2017 u kirja ta' sullokazzjoni tal-istess fond magħmula permezz ta' skrittura privata[2] fl-20 ta' Diċembru, 2017, bejn l-intimat Cilia u l-intimati l-oħra [minn issa 'l quddiem 'l-intimati Said u Camilleri'].

[1] *A fol.* 15 tal-proċess.
[2] *A fol.* 8 tal-proċess.

## Mertu

3. Ir-rikorrenti istitwew il-proċeduri odjerni kontra l-intimati permezz tal-preżentata ta' rikors quddiem il-Bord fit-23 ta' Ottubru, 2018, fejn talbu l-awtorizzazzjoni għar-ripreża tal-pussess tal-fond fi żmien qasir u perentorju li dak il-Bord jogħġbu jiffissa għar-raġunijiet hemm imfissra fosthom in-nullità tal-iskrittura għall-lokazzjoni tal-fond kif wkoll in-nullità tal-iskrittura għas-sullokazzjoni tal-fond.

4. L-intimati għalkemm debitament notifikati[3] fl-10 ta' Diċembru, 2018, baqgħu ma ppreżentaw l-ebda risposta u lanqas dehru quddiem il-Bord kemm għall-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2018, kif ukoll għall-udjenza tas-26 ta' Frar, 2019. Iżda fis-26 ta' Marzu, 2018, l-intimat Cilia ppreżenta rikors fejn filwaqt li qal li n-notifika tiegħu u tal-intimati Said u Camilleri saret fil-fond permezz ta' Jay Vella, li kien it-tifel tal-*partner* tiegħu u li naqas milli jinforma lill-intimat Cilia b'din in-notifika, u wkoll li stante li r-rikorrenti kienu konsapevoli tal-fatt li huwa jitkellem biss bil-lingwa Ingliża, huma kellhom jippreżentaw traduzzjoni tar-rikors tagħhom għal-lingwa Ingliża, talab lill-Bord sabiex jawtorizzah jippreżenta risposta prevja kull provvediment li kien jidhirlu xieraq.

5. Permezz tar-risposta tagħhom tat-12 ta' April, 2019, ir-rikorrenti oġġezzjonaw bil-qawwa kollha għat-talba tal-intimat Adam Cilia għar-raġunijiet imfissra fit-tul, u dan b'riżerva li jekk opportun il-Bord jgħajjat lill-Marixxall tal-Qorti John Francica sabiex jixhed dwar in-notifika inkwistjoni.

[3] *A fol.* 24 tal-proċess.

## Il-provvediment

6. Fit- 8 ta' Mejju, 2019, il-Bord laqa' it-talba tal-intimat Cilia u awtorizzah jippreżenta risposta u kkonċedielu terminu ta' għoxrin jum minn dik id-data sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi dan huwa rikors tal-intimat sabiex jiġġustifika dik li jsejħilha "kontumaċja" tiegħu fil-proċeduri odjerni.*

*Illi r-rikorrenti qed jopponi tali talba għar-raġunijiet kontenuti fir-risposta tiegħu.*

***Prinċipji Legali u Ġurisprudenza dwar l-istitut tal-kontumaċja***

*Illi fil-kawża deciża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2005, Appell Ċivili Numru: 126/2003 fl-ismijiet* ***Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited****, Il-Qorti tal-Appell daħlet fid-dettal dwar il-prinċipji applikabbli għall-istitut tal-kontumaċja u qalet hekk fil-kunsiderazzjonijiet tagħha:*

"6. L-istitut tal-kontumaċja li dwaru ġie interpost l-appell in eżami minn dejjem kien suġġett ta' kontroversja. Dan hu hekk minħabba l-fatt li l-effetti tiegħu – ta' natura punittiva – huma odjużi. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali (ara wkoll id-deċiżjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummerċjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll.Vol. LXXVII – II – 170).

7. Għal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-esklużjoni tal-konvenut milli jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet kien jiġi adoperat *ad unguem* minn dawn il-Qrati iżda, tenut kont ta' ċirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesiġu mitigazzjoni fir-regoli tal-proċedura, l-istess Qrati bdew, fil-każi fejn ikun hekk indikat u fl-aħjar sens ta' ġustizzja, 'ixellfu' din ir-riġidità u dan sewwa sew minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja kienet iġġib magħha. Fil-fatt jirriżulta – anke mid-diversi deċiżjonijiet

ċitati miż-żewġ partijiet fil-kawża – li l-Qrati tagħna iddeċidew li r-rigorożità tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata.

8. Mal-milja taż-żmien anke l-leġislatur ħass il-bżonn li jintroduċi emendi għal dan l-istitut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza għall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iż-żmien għall-prezentata ta' nota ta' eċċezzjonijiet ġie estiż għal għoxrin jum u fil-każ ta' kontumaċja ngħatat anke l-possibilità ta' preżentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omaġġ tal-prinċipju ribadit fil-ġurisprudenza kostanti tagħna li mqar jekk f'istat ta' kontumaċja, il-parti mħarrka kellha titqies bħala waħda li qegħda tirrimetti ruħha għall-ġustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba.

9. Sfortunatament ġara wkoll li maż-żmien il-fessibilità li bdiet turi l-Qorti skont il-każ, dejjem fl-interess tal-ġustizzja, waslet għal ċerta nuqqas ta' uniformità u f'ċerti każi anke waslet għal deċiżjonijiet inkongruwi għal xulxin. Każ fejn il-fattispecie tiegħu kienu pjuttost jiffavorixxu l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ġieli ġie miċħud, filwaqt li każ ieħor fejn in-nuqqas kien jidher aktar evidenti u mhux skużabbli ġieli ġie aċċettat bħala wieħed skużabbli. Fil-fatt anke fil-każ in eżami, wieħed jista' jikkostata li ċerti deċizjonijiet u ċerti enunċjazzjonijiet mogħtija mill-Qrati ġew ċitati sija minn parti u sija minn oħra, u dan in proprja difesa, għas-sempliċi raġuni li l-punt ta' divergenza ma jkunx proprjament konness mal-prinċipju involut imma mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tal-istess prinċipju.

10. Dan kollu qiegħed jingħad għar-raġuni li din il-Qorti hija tal-fehma li wasal iż-żmien fejn dawn il-fehmiet, kif jemanu mid-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, dwar l-istitut tal-kontumaċja, jerġgħu jiġu kemm jista' jkun arġinati b'mod li jkunu aktar konsistenti u uniformi ma' xulxin. Wara kollox, il-bażi tar-regoli tal-proċedura hija dik taċ-ċertezza tad-dritt. Deċiżjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istitut tal-kontumaċja u l-prinċipji li għandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn fiha ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin:

(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;

(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;

(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;

(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;

(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għand jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi;

(6) L-iżball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx żball invinċibbili, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;

(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";

(8) L-impossibilità li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonaliment biss tista' tkun morali.

Dawn l-istess prinċipji ġew riaffermati f'diversi deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fit-12 ta' Diċembru 1975, u d-deċiżjoni fl-ismijiet **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar 1999.

11. Kif ġià ngħad supra, l-Artikolu 158 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat. Is-soċjetà appellanti irriferiet partikolarment għas-subartikolu 10, in bażi ta' liema lkontumaċja tista' tiġi sanata jekk l-imħarrek jirnexxielu jipprova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa kellu "raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fiż-żmien li jmiss."

Jekk wieħed iqabbel dan is-subartikolu ma' dak li ġie elenkat fis-sentenza surreferita "**Bugeja v. Ellul"** (ara paragrafu 10) isib li hemm konvergenza. Dan magħdud, però, xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorità ġudizzjarja. Dik il-preżenza tal-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece

meħtieġa bħala parti mill-indaġini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

*Illi l-Qrati tagħna kellhom okkażjonijiet ukoll jiddikjaraw dwar nullità o meno tan-notifika u kif dan jimpinġi fuq l-istitut tal-kontumaċja. Hekk il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-7 ta' Mejju, 2004 Appell Ċivili Numru. 5/2003/1 fl-ismijiet **Jesmond u Beatrice konjuġi Sacco vs Concetta u Dennis konjuġi Charles** qalet hekk:*

"Huwa evidenti mill-kontenut tal-aggravji illi, apparti l-meritu, hawn għandna żewġ kwestjonijiet preliminari li jeħtieġu eżami, epurazzjoni u deċiżjoni qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu. Dawn iż-żewġ kwestjonijiet jikkonċernaw in-nullità tan-notifika tal-atti fir-rigward ta' wieħed mill-appellanti u l-fatt tal-kontumaċja.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Novembru 1989 fil-kawża fl-ismijiet "**Emanuel Stellini - vs - Carlo Vella et**", "il-kwestjoni tan-nullità tan-notifika 'de quo' u l-kontumaċja tal-konvenut huma żewġ kwestjonijiet differenti. Infatti kieku n-notifika taċ-ċitazzjoni kienet nulla l-appellant ma kienx jista' jkun meqjus li kien kontumaċi u l-kawża ma kienetx tista' timxi l-quddiem qabel ma l-konvenut jiġi notifikat mill-ġdid skont il-liġi".

Kwantu għal kontumaċja, mbagħad, hu ferm paċifiku illi għalkemm il-kontumaċi mhux prekluż li jappella u jitratta huwa però ma jistax iġib provi u xhieda quddiem din il-Qorti kemm -il darba ma jiġġustifikax in-nuqqas tiegħu (**Kollez Vol XXXI pI p139; Vol XLII pI p517**).

Premessa din l-introduzzjoni, jibda biex jiġi osservat illi fir-rigward tan-notifika ta' atti ġudizzjarji l-liġi tipprovdi f'termini preċiżi kif din kellha ssir u f'idejn min setgħet titħalla kopja tal-iskrittura. Hekk l-Artikolu 185 tal-Kap. 12 jaħseb għal każ illi fejn tnejn minn nies li jenħtieġ jiġu notifikati bi skrittura, wkoll jekk jgħixu fl-istess indirizz, dawn għandhom kull wieħed minnhom jiġi nnotifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura. L-Artikolu 187(i) imbagħad jippreċiża illi l-kopja destinata lil min għandu jiġi hekk innotifikat tista' titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha.

Minn eżami tal-atti, kompriżi ir-riferti tal-Marixxall u l-'pink cards', dan hu dak li fil-fatt seħħ f'dan il-każ. Il-konvenuti ġew notifikati b'kopja kull wieħed tal-iskritturi u dawn tħallew f'idejn persuna li skont il-liġi setgħet tirċevihom. Anzi, strettament f'dan il-każ lanqas ma jista' jingħad jekk il-kopja destinata lill-appellanti Dennis Charles tħallietx f'idejn martu jew ingħatatx direttament lilu. Apparentement kemm skont il-*pink cards,* fejn iż-żewg firem huma ben distinti, kif ukoll skont ir-riferti tal-Marixxall ma jirriżultax illi l-iskrittura destinata lill-imsemmi appellant tħalliet f'idejn xi ħaddieħor, membru tal-familja, u mhux f'idejn l-istess appellant."

*Illi f'diversi okkażjonijiet ukoll Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kellha l-okkażjoni f'diversi sentenzi fosthom "**Ian Zahra vs Charles Demicoli et**" Rikors numru: 1548/99 deċiża 23 ta' Mejju 2000, **Grima Marco vs Grima Rita** 1135/2002 deċiża 17 ta' Ġunju 2003, u **Waldonet Limited vs Thake David** Rikors numru 1218/2001 deċiża fit-03 t'April 2003, fejn sostniet li* "kull nuqqas li seta' sar mid-difensuri tal-istess konvenut m'għandux jimpedixxi lill-istess konvenut milli jiġi mogħti l-opportunità li jiddefendi l-kawża li saret kontrih."

***Kunsiderazzjonijiet ta' dan il-Bord għall-każ in eżami***

*Illi skont ir-rfierta tal-Marixxall fuq in-naħa ta' wara ta' folio 24 tal-proċess, l-atti tħallew f'idejn Jay Vella bin-numru tal-Karta tal-Identità 0178199M. Illi bl-istess raġunament tal-kawżi appena ċitati, allura, jekk tali nuqqas ikun ġej minn terz, f'dan il-każ li ma hux avukat u allura mhux persuna legali konsapevoli ta' termini legali eċċetra, tali raġunament għandu japplika wkoll fir-rigward ta' tali terzi.*

*Inoltre fil-każ odjern l-atti tħallew f'idejn Jay Vella li huwa terz, ma hux impjegat tal-intimat u lanqas ma huwa membru tal-familja tiegħu, jew għall-anqas ma nġabu l-ebda provi dwar dan quddiem il-Bord.*

*Illi għalhekk tali notifika ma tistax tkun kunsidrata valida stante illi notifika tista' titħalla f'idejn il-persuna mħarrka personalment, jew l-impjegat tiegħu jew ma' membru familjari tiegħu.*

*Illi għalhekk fuq dawn iż-żewġ punti, l-Bord huwa tal-fehma li t-talba tal-intimat għandha tiġi milqugħa.*

*Illi f'dan l-istadju, l-Bord ma hux se jidħol fl-ilment imressaq mill-istess intimat illi r-rikorrent kellu jressaq tali proceduri bil-lingwa Ingliża jew għall-anqas jinnotifika lill-intimat bi traduzzjoni bl-Ingliż, ġaladarba l-istess atti qatt ma waslu għandu u għalhekk jekk hux bil-Malti jew bl-Ingliż f'dan l-istadju mhux punt daqshekk rilevanti.*

*Il-każ kien ikun divers li kieku l-atti ġew notifikati lill-intimat u kienu biss bil-Malti meta l-iskritturi bejn il-partijiet saru bl-Ingliż u għalhekk ir-rikorrenti huma konsapevoli tal-fatt li l-intimat ma jifhimx bil-lingwa Maltija.*

*Illi inoltre r-regola bażi fil-proċeduri quddiem dan il-Bord hija li l-proċeduri huma nformali u mhux riġidi u stretti daqs quddiem Qrati oħra, tant illi saħansitra jingħad li quddiem il-Bord odjern ma jitħaddimx il-prinċipju tal-kontumaċja u l-intimat/i jistgħu dejjem jressqu l-provi tagħhom u jagħmlu l-kontro-eżamijiet u sottomissjonijiet sabiex jirribatti/u t-talbiet tar-rikorrenti.*

*Illi inoltre fil-każ odjern, il-kawża għada fil-bidu tagħha u għad lanqas bdew jitressqu provi minn naħa tar-rikorrenti u għalhekk r-rikorrenti mhu ser jbatu l-ebda preġudizzju, jekk tintlaqa' t-talba tal-intimat Cilia li jressaq risposta għat-talbiet tar-rikorrenti."*

## L-Appell

7. Ir-rikorrenti ppreżentaw ir-Rikors tal-Appell tagħhom fis-27 ta' Mejju, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

*"… tilqa' l-appell tagħhom u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord li jirregola l-Kera sabiex l-intimat Adam Cilia ma jiġix awtorizzat jirreġistra r-risposta tiegħu quddiem l-istess Bord, stante li ma kienx hemm ġustifikazzjoni għall-kontumaċja da parte tiegħu u dana in linea mar-raġunijiet elenkati u pprovduti f'dan ir-rikors t'appell. Din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' dan l-appell stante li s-sentenza mogħtija mill-Bord tal-Appell rigward l-istitut tal-kontumaċja tikkontjeni analiżi inkorretta tal-fatti u għalhekk ma huwiex ġust li l-qua appellanti jitħallew fil-pożizzjoni attwali ferm preġudikanti u serja minħabba l-mod u manjiera li bih il-Bord li Jirregola l-Kera mexxa u qata' u ddeċieda fuq ir-rikors u r-risposta ntavolati quddiemu."*

8. Ir-rikorrenti għidu li jħossuhom aggravati bid-deċizjoni tal-Bord għaliex:

*"A) Illi fis-sentenza tat-tmienja (8) ta' Mejju ta' din is-sena, il-Bord li jirregola l-Kera ppresedut mill-Maġistrat Dr. Monica Vella ddeċieda li Jay Vella huwa*

*terz, ma hux impjegat tal-intimat u lanqas ma huwa membru tal-familja tiegħu, jew għall-anqas ma nġabu l-ebda provi dwar dan quddiem il-Bord.*

*B) Illi fl-imsemmija sentenza tat-tmienja (8) ta' Mejju ta' din is-sena ġie deċiż li n-notifika in kwistjoni ma tistax tkun kunsidrata valida stante illi notifika tista' titħalla f'idejn il-persuna mħarrka personalment, jew l-impjegat tiegħu jew ma' membru familjari tiegħu."*

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Fir-Risposta tal-Appell l-appellat Adam Cilia jissottometti li l-appell interpost għandu jiġi miċħud stante li huwa null għas-segwenti raġunijiet: (a) l-ebda permess ma ntalab mill-Bord sabiex ir-rikorrenti jinterponu appell kif jirrikjedi s-subartikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) l-appell sar wara li skada t-terminu preskritt mis-subartikolu 229(6) tal-Kap. 12*;* (ċ) ma ġewx notifikati l-intimati Said u Camilleri bir-Rikors tal-Appell; (d) il-Bord ta digriet interlokutorju u mhux sentenza u għalhekk l-Artikolu 229 tal-Kap. 12 kien applikabbli; (e) iżda wkoll jekk il-Bord ta sentenza, ir-rikorrenti kellhom jitolbu permess sabiex jappellaw *ai termini* tal-artikolu 231 tal-Kap. 12; u (f) l-intimat Cilia qatt ma ġie notifikat bir-rikors promotur.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel kull kwistjoni oħra tikkunsidra jekk ir-rikorrenti setgħux jintavolaw appell. Dan huwa l-ewwel punt li jressaq l-intimat Adam Cilia fir-risposta tiegħu għall-appell tar-rikorrenti. Iżda qabel ma jiġu applikati d-dispożizzjonijiet rilevanti, għandu jiġi mistħarreġ jekk fil-każ odjern

id-deċiżjoni tal-Bord tikkostitwixxix digriet jew sentenza, u jekk huwa digriet, allura jekk dan huwiex wieħed definittiv jew kamerali, għaliex skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 230 tal-Kap. 12 huwa d-digriet interlokutorju li ma jagħmilx ġudikat għall-qorti li tkun tagħtu.

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **Philip O. Gatt pro et noe *vs.* Adrian Busietta pro et noe**[4] nkiteb:

> *"Illi m'hemmx dubju li d-distinzjoni bejn degriet u sentenza għadha tiswa sal-lum il-ġurnata. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk dawn jagħlqux il-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet (fn. 4* Ara Prof. Caruana *Notes on Civil Procedure* paġ. 1419; Mattirolo *Diritto Giudiziario*, Vol. IV, pp16-7; u Mortara *Digesto Italiano* Vol XXI (*voce " Sentenza Civile"*), paġ. 450 ff) din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet. Kif ingħad b'awtorità (fn. 5 App. Ċiv. **29.4.1925** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Borg Olivier*** (Kollez. Vol: **XXVI.i.115**), dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività tagħha, fis-sens ta' *quando terminat negotium de quo agitur*, u tista' tkun ta' żewġ għamliet: jew li taqta' l-mertu tal-kwestjoni, jew li teħles lill-imħarrek milli joqgħod fil-kawża. Min-naħa l-oħra, d-degrieti ma jtemmux il-kwestjoni u jingħataw matul is-smigħ tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet anċillari. L-iżjed karatteristika ewlenija fid-degriet hija li ma jikkostitwix ġudikat għall-qorti li tkun tagħtu, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f'sentenza. Kien ukoll meqjus li meta f'provvediment il-Qorti tirriserva l-kap tal-ispejjeż għal stadju ieħor, dan ikun sinjal ċar li dak il-provvediment ikun degriet u mhux sentenza;"[5]

[4] P.A., 09.05.2002, Ċit. Nru. 133/01JRM.

[5] Ara wkoll App. Krim. 190/01VDG, **Il-Pulizija *vs.* Alex Portelli**, 03.12.01.

12. Issa fil-każ odjern jirriżulta biċ-ċar li l-provvediment tal-Bord ma għalaq l-ebda kwistjoni dwar il-mertu u lanqas ħeles lill-intimat milli joqgħod fil-kawża. Il-kwistjoni li ġiet deċiża tittratta l-kontumaċja o meno tal-intimati, li m'għandhiex x'taqsam mal-mertu u qamet waqt l-andament tas-smigħ tal-kawża meta l-intimat Adam Cilia intavola rikors sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Bord li jippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors promotur. Fattur ieħor li juri li l-provvediment għandu jiġi kkunsidrat bħala digriet u mhux sentenza[6] huwa li l-kap tal-ispejjeż ġie riżervat għas-sentenza finali. Għalhekk l-artikolu 231 tal-Kap. 12 mhux applikabbli għall-każ odjern.

13. Għall-istess raġuni li dan id-digriet tal-Bord ma temm l-ebda kontroversja, iżda biss irregola l-andament tal-kawża meta permezz tiegħu l-Bord awtorizza lill-intimat Adam Cilia jippreżenta risposta, ma jistax jitqies bħala wiehed definittiv.[7] M'hemm l-ebda dubju wkoll li d-digriet mhux wieħed kamerali għaliex il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2019 quddiem il-Bord huwa xiehda ta' dan.

14. Jonqos biss għall-fini tal-kwistjoni jekk ir-rikorrenti kellhomx jitolbu permess mill-Bord qabel jintavolaw l-appell tagħhom jew jekk jistennewx is-sentenza finali qabel ma jinterponu l-appell tagħhom. Din il-Qorti ma tikkunsidrax li d-digriet huwa wieħed minn dawk imsemmija fis-subartikoli

[6] Għandu jingħad li għalkemm il-Bord fil-verbal tiegħu *a fol.* 37 jgħid li ngħata digriet, l-istess Bord fil-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2019, jirreferi għal sentenza u saħansitra jgħid ukoll li l-ebda permess ma ntalab sabiex isir appell *ai termini* tal-artikolu 231 tal-Kap. 12 li jirregola appelli minn sentenzi parzjali. Ukoll fil-provvediment *a fol.* 38 hemm notament fil-bidu *"Sentenza dwar l-istitut tal-kontumaċja".*

[7] Ara App.Civ. 1224/02, **Josef Gatt vs Marisa Gatt**, 08.05.03.

229(1) u 229(2) tal-Kap. 12, u għalhekk japplika s-subartikolu 229(3) tal-Kap. 12 li jgħid hekk:

*"(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien gaħxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miktub fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell".*

15. Issa kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Catherine Balzan *vs.* Tarcisio Balzan**[8], ir-rekwiżit tal-permess ġie introdott fis-sistema tal-proċedura legali tagħna sabiex jiġi evitat l-abbuż tas-sistema li twassal għal dewmien minn xi wieħed jew aktar mill-partijiet:

*"Huwa risaput li l-provvediment rigwardanti l-appelli minn digrieti [l-Art.229 Kap.12] ġie ntrodott fis-sistema tagħna biex jiġu evitati l-kwantità ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiment tal-kawża fil-prim' istanza li diversi drabi l-uniku skop tagħhom kien li jittawlu l-proċeduri.*

*Kien għalhekk li l-leġislatur ħass li kellu jimponi dawk il-każijiet fejn ma kellu qatt isir appell ħlief mis-sentenza finali u dawk il-każijiet, invece fejn kien assolutament neċessarju li jsir appell qabel dak l-istadju għall-prosegwiment ġust u effikaċi ta' dik il-kawża partikolari.*

*Madankollu, dawn il-listi ma setgħux jiġu kompletati u kien għalhekk, li f'każijiet oħra, id-diskrezzjoni dwar appell qabel is-sentenza definittiva ġiet imħollija f'idejn il-ġudikant."*

[8] P.A., 04.05.2001.

16. Għalhekk ġaladarba r-rikorrenti ma talbu l-ebda permess mill-Bord a tenur tas-subartikolu 229(3) tal-Kap. 12, il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimat Adam Cilia u tiddikjara li l-appell interpost fir-rigward tal-provvediment dwar il-kontumaċja tiegħu huwa null.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimat dwar in-nullità tal-appell tar-rikorrenti, filwaqt li tiddikjarah null u tiċħdu. Tirrimetti l-atti kollha lura quddiem l-ewwel Qorti għas-smigħ tal-kawża u għal deċiżjoni finali.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**